**28 ta' April, 1962.**

**Imħallef :—**

**Onor. Dr. W. Harding, C.B.E., K.M., B.Litt., LL.D.**

Il-Pulizija.

*versus*

Rocco Abdilla et.

**Vilipendju tar-Reliġjon — Inġurja lill-Arċisqof — Kartellun — "Publication" — Reat Divers minn dak Dedott — Kompensazzjoni — Piena — Art. 161 tal-Kodiċi Kriminali — Art. 6 tal-Kap. 117.**

*Bil-fatt li tiġi lilu attribwita mputazzjoni ta' reat l-imputat ma jakkwista ebda dritt kwezit li jiġi ġudikat, biss u unikament, fuq l-imputazzjoni oriġinali, fondata jew le. Jekk iċ-ċitazzjoni tiġi korretta, hu jista' jinstab ħati anki ta' reat aktar gravi nwovament dedott bil-korrezzjoni, anki jekk dan ir-reat nwovament dedott ma jibqgħax fil-kompetenza nferjuri, imma jaqbeż dik il-kompetenza; jekk, inveċe, iċ-ċitazzjoni ma tiġix korretta, allura hu ma jistgħax jiġi misjub ħati ta' reat aktar gravi, imma jista' jinstab ħati ta' reat anqas gravi, purkè kompriż u nvolut fl-imputazzjoni oriġinali mhux korretta. U hekk, jekk l-imputazzjoni oriġinarja kienet ta' vilipendju lir-Reliġjon, l-imputat jista' jinstab ħati talli offenda lill-Arċisqof, avvolja ċ-ċitazzjoni ma tkunx ġiet korretta.*

*Il-Liġi tal-Istampa tivviżwalizza r-reat ta' min, bil-mezz ta' publikazzjoni ta' stampati kif definiti fl-istess liġi, jinsulta jew jinġurja, jew jikkaġuna mibgħeda jew disprezz lejn il-persuna tal-Gvernatur jew tal-Arċisqof ta' Malta jew tal-Isqof ta' Għawdex. Kartellun espost fil-publiku huwa stampat fis-sens tal-liġi, li bih jista' jiġi kommess dan ir-reat. U jekk aktar minn persuna waħda jieħdu parti fl-espożizzjoni tiegħu għall-publiku, huma kollha jkunu ko-awturi tar-reat.*

*In kwantu għal min jirriferixxi l-kartellun jiddependi miċ-ċirkustanzi tal-każ partikulari, b'mod li l-Qorti tkun soddisfatta li jkun jirriferixxi għal persuna partikulari u determinata; imma, jekk l-imputat ma joffrix ix-xhieda tiegħu biex juri li dak il-kartellun jirriferixxi għal persuna diversa minn dik li hija ndikata mill-Prosekuzzjoni bħala l-persuna offiża mill-kartellun, il-Qorti hija ntitolata tikkommenta fuq dan in-nuqqas ta' xhieda tal-imputat fl-apprezzament tagħha taċ-ċirkustanzi tal-każ.*

*F'pajjiż eminentement kattoliku, bħal ma hi Malta, hu ċertament inġurjus li wieħed jaddebita lill-Arċisqof bi ħruxija paragonabbli għal dik ta' persunaġġi storiċi li baqgħu jissemmew fl-istorja bħala l-inkarnazzjoni tal-inikwità u l-personifikazzjoni tal-ħruxija; bħal ma kien Neruni. U xejn ma jimporta li l-inġurja kontenuta fil-kartellun kienet b'lingwa diversa minn dik tal-pajjiż; dak li jimporta hu li xi ħadd minn dawk li jarawh jifhmu l-kontenut tal-kartellun u għal min jirriferixxi. U dak il-kartellun hu "publication" fis-sens tal-Liġi tal-Istampa.*

*Mhix sostenibbli l-eċċezzjoni tal-kompensazzjoni jekk il-fatti li magħhom trid tiġi kompensata l-inġurja mhix responsabbli għalihom il-persuna nġurjata. Hi ħaġa ta' dritt elementari illi, għall-finijiet tal-eċċezzjoni tal-kompensazzjoni, jeħtieġ illi l-allegata nġurja dedotta in kompensazzjoni tikkolpixxi l-imputat li jkun qed jiġi addebitat fil-ġudizzju bir-reat ta' nġurja, u anki illi, jekk tkun inġurja, tkun waħda li għaliha tkun responsabbli l-persuna li f'dak il-ġudizzju tkun qegħdha tingħad inġurjata.*

*Mhux dejjem tista' tiġi ndikata bħala kriterju tal-piena, piena kontenuta f'sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali; għax dik*

*il-piena tista' talvolta ma tkunx ta' dik il-Qorti, imma tal-Qorti tal-Maġistrati; barra min dan, hija mprżża perikolużа li wieħed jipprova jistabbilixxi speċi ta' tariffa ta' pieni għar-reat ta' ċerta xorta minflok ma jħalli dik il-flessibbilità li hemm fil-latitudini tal-piena ndikata mill-liġi, sabiex jistgħu jiġi nkontrati ċ-ċirkustanzi ta' kull każ. Bħala regola, il-Qorti tal-Appell ma tbiddelx il-piena mogħtija mill-Ewwel Qorti, ammenokkè ma jkunx hemm xi difformità mill-piena stabbilita mill-liġi, jew ammenokkè ma tkunx oppressiva, jew ammenokkè ma jkunx hemm xi ċirkustanzi li jissuġġerixxu l-varjazzjoni tal-piena nflitta mill-Ewwel Qorti Fil-fatt, jistgħu jikkonkorru dawn iċ-ċirkustanzi li jinklinawha tvarja dik il-piena.*

Il-Qorti:— Rat is-sentenza "in parte" minnha mogħtija fit-13 ta' Jannar 1962 (fol. 111), li biha, wara li ġew definiti l-inċidenti preliminari, ġie dikjarat null l-appell tal-Attorney General u ġiet ordnata t-trattazzjoni tal-appell tal-imputati;

Trattat dan l-appell;

Ikkunsidrat;

Qabel xejn, jeħtieġ li tiċi riżoluta deduzzjoni oħra ta' indoli preliminari, sollevata mid-difiża f'dan l-istadju. Ġie sottomess illi, peress li l-imputazzjoni oriġinarja kienet dik ta' vilipendju tar-Reliġjon taħt l-art. 161 tal-Kodiċi Kriminali, għalhekk ma kienx, u ma hux ammissibbli li tittieħed konjizzjoni ta' mputazzjoni diversa. Id-difiża spjegat, in risposta ta' domanda tal-Qorti, illi din id-deduzzjoni ma hix intiża biex tirrinvanga l-meritu tad-deċiżjoni "in parte" fuq imsemmija, imma għandha tiġi mifthema bħala li tfisser li, bil-fatt tal-imputazzjoni oriġinali, l-imputati akkwistaw dritt kweżit li jkunu ġudikati, biss u unikament, fuq dik l-imputazzjoni, fondata jew le;

Id-difiża għamlet riferenza għas-sentenza riportata fil-Vol. XXXVIII-IV-858, mogħtija minn din il-Qorti similment presjeduta. Iżda f'dak il-każ l-aspett ġuridiku kien divers. F'dik il-kawża l-kwerelanti kienet imputat lill-kwerelata, fil-kwerela minnha magħmula, b'inġurja sempliċi, u l-Ewwel Qorti kienet, fuq "l-istess" ċitazzjoni, "mhux" emendata,

sabet il-kwerelata ħatja ta' nġurja gravi, ċjoè ta' reat aktar gravi. Fil-każ preżenti, l-imputati ġew mill-Ewwel Qorti misjubin ħatjin fuq l-istess ċitazzjoni mhux emendata, mhux però ta' reat aktar gravi, *imma ta' reat minuri* kompriż u nvolut; u fl-istess sentenza ċitata mid-difiża tal-Vol. XXXVIII, jingħad, paġ. 858, li l-imputat jista' jinstab ħati ta' reat mhux aktar gravi, purkè kompriż u nvolut f'dak dedott. Ġie *ritenut ukoll fil-ġurisprudenza illi* t-termini tal-imputazzjoni oriġinarja, ċjoè iċ-ċitazzjoni biss, ma tagħti ebda dritt kweżit lill-imputat (ara 'Reġina vs. Cutajar" 13 ta' Diċembru 1954, Qorti Kriminali Kolleġġjali, Vol. XXXVIII-IV-767);

Il-ġurisprudenza, infatti, hi f'dan is-sens: jekk iċ-ċitazzjoni tiġi korretta, allura l-imputat jinstab ħati anki ta' reat aktar gravi nwovament *dedott bil-korrezzjoni*, sija jekk dan ir-reat nwovament dedott jibqa' fil-kompetenza nferjuri, sija jekk jaqbeż dik il-kompetenza; u l-Qorti ta' Ġudikatura allura, f'dan l-aħħar każ, tittrasforma ruħha f'Qorti Istruttorja; jekk inveċe ċ-ċitazzjoni *ma tiġix korretta*, allura l-imputat ma jistgħax jiġi misjub ħati ta' reat aktar gravi, imma jista' jiġi misjub ħati ta' reat anqas gravi, purkè kompriż u nvolut fl-imputazzjoni oriġinali mhux korretta. Fil-kawża tal-inġurja fuq ċitata *mid-difiża*, iċ-ċitazzjoni ma kienetx ġiet korretta, u kien għalhekk li l-Qorti ma setgħetx issib il-kwerelata ħatja ta' reat aktar gravi. Fil-kawża preżenti, iċ-ċitazzjoni lanqas ġiet korretta, u l-Maġistrat għalhekk ma setgħax *isib (kif ma sabx)* l-imputati ħatjin ta' reat aktar gravi, imma seta' jsib, kif sab, lill-imputati ħatjin ta' reat minuri, kompriż u nvolut f'dak dedott. Il-ġurisprudenza hi wkoll fis-sens li mhux is-sempliċi ċitazzjoni u *mputazzjoni fuq titolu ta'* reat iżgħar tagħti d-dritt kweżit imma d-deċiżjoni fuq dak it-titolu iżgħar tikkostitwixxi ostakolu għad-deduzzjoni ta' titolu aktar gravi (ibidem p. 769, b'ċitazzjoni tal-"locus classicus" in materja, ċjoè "Rex vs. Rosaria *Portelli*", 23 ta' Frar 1904);

Id-difiża għamlet ukoll riferenza fil-kors tal-argumenti, għas-sentenza 'Pulizija vs. Baldacchino". 6 ta' Diċembru 1948, Vol. XXXIII-IV-769. Iżda f'dak il-każ iċ-ċitazzjoni kienet fis-sens li l-imputat kien ta tagħrif qarrieqi lill-War Damage Commission "fl-aħħar sentejn", u din il-Qorti

kriteniet illi, ġa ladarba ma kienetx saret ebda korrezzjoni quddiem l-Ewwel Qorti, din ma setgħetx issib ħati lill-imputat għar-rigward ta' "claim" magħmula "qabel" dawk is-sentejn, għax fin-nuqqas ta' korrezzjoni dik il-"claim" kienet espressament eskluża mill-imputazzjoni. F'dan il-każ preżenti, ir-reat alternattiv, lunġi minn eskluż, kien kompriż u nvolut fir-reat oriġinarjament dedott, u kwindi ma kienx hemm bżonn ta' korrezzjoni;

L-aspett ġuridiku kien jista' talvolta jkun divers kieku l-Ewwel Qorti ma ħadetx konjizzjoni tar-reat alternattiv kompriż u nvolut; għax allura kien jista', fiċ-ċirkustanzi kongruwi, jopera prinċipju ieħor, sanċit mill-ġurisprudenza (ara App. Krim. "Pulizija vs. Vincenti", 17.4.1937), li ċjoè fl-Appell il-Qorti ma tistgħax tieħu konjizzjoni ta' reat divers minn dak li ppronunzjat ruħha fuqu l-Ewwel Qorti. Iżda f'dan il-każ ir-reat alternattiv ġie ġudikat mill-Qorti tal-Ewwel Grad;

Għal dawn ir-raġunijiet id-deduzzjoni preliminari tad-difiża ma hix sostnuta, u tiġi riġetta;

Ikkunsidrat, fil-meritu;

Ir-reat li tiegħu sabet ħatjin l-imputati l-Qorti tal-Ewwel Istanza hu dak viżwalizzat fl-art. 6 tal-Kap. 117 (kif emendat bl-Ord. XXXV tal-1946), li jikkommina l-piena tal-priġunerija għal żmien mhux iżjed minn tliet xhur u tal-multa minn £25 sa £200 lil kull min, bil-mezz ta' pubblikazzjoni ta' stampati kif definiti fl-istess liġi, jinsulta jew jinġurja, jew jikkaġuna mibgħeda jew disprezz lejn il-persuna tal-Gvernatur, jew tal-Isqof (il-lum Arċisqof) ta' Malta jew l-Isqof ta' Għawdex;

Ikkunsidrat;

Fid-dikjarazzjoni bil-miktub li għamel l-imputat Rocco Abdilla, fol. 12, li kwantu għar-rekwiżit tal-volontarjetà tagħha għas-sens tal-art. 654 Kap. 12 ma ġietx kontestata mid-difiża, jirriżulta li dan l-imputat li hu l-President tal-Labour Party Club taż-Żurrieq, kien dak li ħa l-inizjattiva biex jitwaħħal fuq il-ħajt tal-każin, iż-Żurrieq, poster bil-kliem bil-latin "Ave, Nero, urbs quam incendisti te salu-

tat". Hu qabbad lill-imputat Alfred Roberts biex jagħmlu, u tah karta miktuba bil-kliem bil-latin kif kellu jiġi l-poster. Dak il-ħin kien hemm, skond din id-dikjarazzjoni tal-imputat Abdilla (li, s'intendi, tiswa għar-rigward tiegħu biss), l-imputat Sammut. Il-Ħadd filgħodu, kmieni, 4 ta' Ġunju 1961, l-imputat Abdilla ltaqa' ħdejn il-każin maż-żewġ imputati l-oħra, u t-tlieta bdew iwaħħlu, taħt id-direzzjoni ta' dan l-imputat, erbgħa posters, fosthom dak bil-kliem fuq rikordati. Dan il-poster ġie mwaħħal taħt poster ieħor dwar il-kwistjoni tal-"Integration". F'dan il-poster tal-"Integration", l-ewwel ittri tal-kliem huma disposti b'mod li jiffurmaw akrostiku tal-isem "Mikiel", u ġie mqabbel hekk minnu u ż-żewġ imputati l-oħra. L-imputat Abdilla żied jgħid li hu kien jaf li dak inhar kellu jitla' l-Arċisqof għall-festa ta' Santa Katarina. Dan l-imputat żied igħid li hu kellu t-traduzzjoni bil-malti tal-kliem bil-latin (liema traduzzjoni hu rripeta fli-"statement" tiegħu), u li hu fisser il-kliem lill-imputati l-oħra; u qal ukoll li hu jaf li Neruni kien, skond l-istorja, ħaraq Ruma, li wara sellmitlu, u jaf ukoll li Neruni kien jaħqar lill-Insara. Kompla jgħid li waħħal dan il-poster bħal ma jwaħħal posters oħra;

Din, in sostanza, hija d-dikjarazzjoni tal-imputat Abdilla, li, kif ġa ngħad, għandha titqies għalih biss, anki fejn isemmi lill-imputati l-oħra, li ma jistgħux jiġu preġudikati b'ebda dikjarazzjoni tiegħu; u l-istess konsiderazzjoni timmilita għal li-"statements" tal-imputati l-oħra, li sejrin jinstemgħu, u li l-istess mhumiex kontestati mid-difiża kwantu għar-rekwiżit fuq imsemmi tal-volontarjetà tagħhom;

L-imputat Roberts hu membru tal-Kumitat tal-Labour Party Club taż-Żurrieq. Hu qal li l-imputat Abdilla taħ karta bi kliem bil-latin biex jiżbogħ poster, u hu fehem li Abdilla l-poster riedu lest għas-Sibt jew għall-Ħadd; il-posters jinbidlu fl-aħħar tal-ġimgħa. Dan il-poster in kwistjoni twaħħal ma' posters oħra mal-bieb tal-każin il-Ħadd filgħodu fl-4 ta' Ġunju 1961, minnu, mill-imputat Sammut u mill-imputat Abdilla. Qal li hu ma jafx xi jfissru dawk il-kliem bil-latin, għalkemm xorta waħda waħħal il-poster, u li sal-mument ta' li-"statement" ma nteressax ruħu jindaga x'ifisser dak il-poster; u għalkemm kien jaf li l-Pulizija elevaw dak il-poster, hu ma nteressax ruħu jistaqsi għaliex — fol. 13. Qal li kien ilu jaf li kellu jitla' l-Arċisqof

iż-Żurrieq. Għandu jiżdied li, skond ix-xhieda tal-Ispettur Farrugia, peress li l-imputat Adbilla kien qal lill-Pulizija li hu kien fisser lill-imputati l-oħra l-kliem bil-latin, għalhekk l-istess Spettur Farrugia interroga fuq daqshekk lil dan l-imputat Roberts u dan qallu li jista' jkun li Abdilla fissirlu l-kliem; iżda hu ma tgħax każ — fol. 10. L-istess jgħid is-surġent Vella, fol. 33 li afferma wkoll li Roberts qal li ma kienx hemm għalfejn jagħmel "statement" ieħor fuq daqshekk;

L-imputat Sammut, fil-"statement" tiegħu fol. 14, iddikjara li hu membru tal-Labour Party Club taż-Żurrieq, li l-imputat Abdilla qallu biex il-Ħadd 4 ta' Ġunju 1961 jiġu mwaħħlin xi posters, u li fil-fatt hu mar iwaħħal dawk il-posters flimkien ma' Abdilla u Roberts, u jaf li l-poster bil-latin twaħħal taħt dak tal-"Integration". Kienu dak il-ħin huma t-tlieta biss. Żied jgħid li hu kien jaf li dak inhar li twaħħlu l-posters kellu jiġi l-Arċisqof iż-Żurrieq għall-festa ta' Santa Katarina. Għalkemm hu sar jaf li l-Pulizija ħadu l-poster bil-latin, però hu ma staqsiex x'ifisser "sewwa" dak il-poster. Fil-"statement" tiegħu addizzjonali dan l-imputat Sammut żied jgħid li hu jaf li Neruni kien ħaraq il-belt ta' Ruma, u li Ruma kienet sellmitlu, u li Neruni kien jaħqar l-Insara. Hu ma jiftakarx jekk Abdilla fissrilhomx il-kliem tal-poster lilu u lil Roberts. Il-poster tal-Integration qabbluh it-tlieta flimkien;

Apparti dawn li-"statements" hemm ukoll ix-xhieda tal-Ispettur Farrugia, fol. 10 tergo, li qal li t-tliet imputati, kompriż għalhekk Roberts, iddikjaraw li kien jafu min kien Neruni, għax kienu raw il-film. It-tlieta wkoll, skond l-istess Spettur Farrugia, identifikaw il-poster in kwistjoni bħala dak li għalieh kienu qegħdin jirriferixxu. Jiżdied ukoll li x-xhud Anthony Sciberras (fol. 34) ra lit-tliet imputati iwaħħlu l-poster inkriminat mal-faċċata tal-każin taħt poster ieħor dwar l-Integration, li waħħlu huma wkoll, u li f'dan il-poster l-ieħor kien hemm l-ewwel ittri ta' kull vers miktuba bl-aħmar (mentri l-kumplament kien bl-iswed), u li moqrija minn fuq għal isfel, dawn l-ittri bl-aħmar kienu jinqraw "Mikiel" (ara wkoll xhieda Surġent Cutajar fol. 30). Fuq il-bieb tal-każin kien hemm faxxa sewda u l-bieb kien kif jingħad, "nofs bieba" (xhieda Surġent Zammit fol. 28); iżda, kif telqet minn hemm il-kar-

rozza tal-Arċisqof, il-bieb infetaħ u l-faxxa tneħħiet (xh. Saċ. Dun Nazz. Tonna fol. 39 tergo u Saċ. Dun Leonardu Mallia fol. 42). Jingħad ukoll li dak inhar, il-Ħadd 4 ta' Ġunju 1961, kienet ir-rikorrenza tal-festa ta' Santa Katarina, Patruna taż-Żurrieq. u għall-quddiesa kantata kellu jattendi l-Eċċellenza Tiegħu Monsinjur Arċisqof, u kien imħabbar f'ċirkulari appożita (ara fol. 43 u ara xhieda Dun Leonardo Mallia fol. 41), li kellha ssir dimostrazzjoni, imsejħa fiċ-ċirkulari "dimostrazzjoni ta' rispett u lealtà";

Minn dawn il-provi jirriżulta żgur li t-tliet imputati kienu l-ko-awturi tal-fatt "ut sic" tat-twaħħil tal-kartellun inkriminat fiċ-ċirkustanzi fuq delineati; u jingħad "ko-awturi", għaliex t-tlieta kienu eżekuturi immedjati tal-att li jikkostitwixxi r-reat u li kkonsumawh (Maino, comm. art. 63, p. 210; Carrara, Progr. Parte Gen. Vol. I, § 427). Id-difiża però, issottomettiet li dak il-kartellun mhux bilfors kien jirriferixxi għal Monsinjur Arċisqof, iżda l-kliem tiegħu setgħu jirriferixxu għall-Gvern Ingliż, jew għall-Eċċellenza Tiegħu l-Gvernatur;

Ċertament, sabiex il-Prosekuzzjoni tassoda l-assunt tagħha, jeħtieġ li jirriżulta għas-sodisfazzjon tal-Qorti li fil-fatt dak il-kartellun, b'dawk il-kliem bil-latin, jirriferixxi għal Monsinjur Arċisqof; għaliex dak hu appuntu r-reat li bih huma addebitati l-appellanti taħt l-artikolu fuq ċitat tal-Kapitolu 117; u għaliex, kif jgħid il-Gatley, 'On Libel and Slander", p. 113:— "No writing whatsoever is to be esteemed a libel unless it reflects upon some particular person";

Il-Qorti tirrileva li, għalkemm id-difiża osservat, kif fuq ingħad, li ma jirriżultax li l-kartellun jirriferixxi għall-Arċisqof, u li jista' jirriferixxi għall-Gvern Ingliż jew għall-Gvernatur, eppure ebda wieħed mill-imputati, fil-"statement" rispettiv. ma qal li l-poster ma kienx jirriferixxi għall-Arċisqof iżda għal ħadd ieħor; u ebda wieħed mill-imputati ma tela' jixhed biex jeskludi li l-poster kien qiegħed jalludi għal Monsinjur Arċisqof, anki billi mbagħad jitlob li jiġi eżentat li jgħid għal min kien intiż. Il-Qorti hi ntitolata tikkommenta fuq din iċ-ċirkustanza tan-nuqqas tax-xhieda tal-imputati, kif ġie deċis minn dawn il-Qrati (ara Qorti Krim, "Rex. vs. Magri", 5 ta' Awissu 1924, u

App. Krim. 'Pulizija vs. Fenech" 8 ta' Mejju 1937, u sentenzi oħra), anki in bażi għall-ġurisprudenza ngliża ċitata f'dawn is-sentenzi. Tirrileva wkoll il-Qorti illi fil-ġurnata in kwistjoni ma kien hemm xejn li kien qiegħed, attwalment u immedjatament, jikkonnetti lill-Gvern Ingliż jew lill-Gvernatur mal-festa ta' Santa Katarina taż-Żurrieq, mentri, kwantu għal Monsinjur Arċisqof, kien hemm il-fatt li hu kellu jitla' ż-Żurrieq propriju dak inhar biex jassisti għall-Quddiesa Kantata; u kien hemm ukoll il-fatt li kellha, ssir lilu dimostrazzjoni ta' rispett u lealtà. Lanqas tista' tiġi b'xi mod konnessa mal-Gvern Ingliż, jew mal-Gvernatur, iċ-ċirkustanza li, sakemm kienet qegħdha ssir dik id-dimostrazzjoni għall-Arċisqof, il-każin — li tiegħu l-ewwel imputat hu president u t-tnejn l-oħra huma membri tal-kumitat, u li fil-faċċata tiegħu kienu mwaħħlin il-kartelluni, fosthom dak in parola — inżamm nofs bieba u bil-faxxa sewda, u mbagħad tneħħiet il-faxxa u nfetaħ il-bieb appena d-dimostrazzjoni spiċċat. It-tliet imputati stqarrew fid-dikjarazzjonijiet tagħhom li huma kienu jafu li kellu jitla' l-Arċisqof iż-Żurrieq dik il-ġurnata;

Ma hux eżatt dak li osservat id-difiża, li l-bieb tal-każin ingħalaq biss waqt id-dimostrazzjoni. Id-dimostrazzjoni saret wara li kien daqq nofs inhar (xh. Rev. Mallia fol. 41 tergo), mentri x-xhud Mansueta Falzon, mhux kontradetta minn ħadd xehdet, fol. 36, illi għall-ħabta tad-disgħa u nofs ta' filgħodu hija diġa' kienet rat lill-imputat Sammut jirranġa faxxa sewda mal-bieba tal-Labour Party Club, li kellu diġà nofs bieba magħluqa;

Hemm mbagħad iċ-ċirkustanza deċiżiva tal-akrostiku, kontenut propriju fil-poster li kien immedjatament fuq dak in kwistjoni — akrostiku enfasizzat fiċ-ċirkustanza tal-kulur aħmar tal-ittri inizjali. Dak l-akrostiku kien jinqara "Mikiel", li hu appuntu l-isem ta' Monsinjur Arċisqof. Il-Gatley (p. 113 nota (3) ) jiċċita żewġ sentenzi tal-Qrati Ingliżi, li fihom il-persuna offiża ġiet appuntu deżinjata bl-ittri inizjali biex jgħid "it is sufficient if he be described by his initial letters". Jiġifieri li f'dan il-każ qiesu hemm anki l-isem tal-inġurjat;

Lanqas jista' raġjonevolment jingħad li l-akrostiku għandu jiġi limitat għall-poster tal-"Integration"; mhux

biss għax il-poster inkriminat twaħħal mill-istess imputati immedjatament taħt il-poster tal-Integration (u mhux innaħa l-oħra separatament fejn twaħħlu l-posters l-oħra), imma anki għaliex f'din il-materja t-test klassiku hu dak hekk enunċjat fit-test Sullivan & Brown "The Law of Defamation", p. 31:— "The test in every case is whether the words would be understood by reasonable people to refer to the plaintiff" (ara wkoll Hickson & Carter Ruck, "The Law of Libel and Slander", p. 44, u Gatley, pp. 113-114). Dawn l-awturi jiċċitaw is-sentenza "Syme v. Canavan (1918)" C.L.R. p. 238, li fiha l-kliem rilevanti huma:— "Are the words such as reasonably, in the circumstances, would lead persons acquainted with the plaintiff to believe that he was the person referred to?" Fil-każ preżenti, minbarra l-kwadru u l-isfond taċ-ċirkustanzi kollha fuq imsemmijin, hemm ukoll iċ-ċirkustanza determinanti tal-akrostiku;

Jingħad ukoll li l-awturi Sullivan & Brown, op. ċit., loc. ċit., josservaw ukoll:— "Witnesses may be called to testify that from reading the libel in the light of the circumstances proved, and of their acquaintance with the plaintiff, they understood him to be the person referred to"; u l-provi akkwiżiti għall-proċess jikkonkorru biex juru li diversi persuni fehmu għal min kien qiegħed jirriferixxi l-poster in kwistjoni. Jgħid is-Suprintendent Bencini, fol. 24:— "Kif id-dimostranti waslu quddiem il-Malta Labour Party Club, li qiegħed fin-niżla ta' Santa Katarina, qamet għaħa, u nnies bdew jgħajtu biex ineħħu poster li kien hemm imwaħħal mal-faċċata tal-Labour Party Club, u li dak il-kartellun kien insult għall-Arċisqof . . . . ." L-istess jgħid l-Ispettur Aquilina, fejn xehed li, malli d-dimostranti raw dak il-poster, bdew jgħajtu biex jitneħħa għax kien insult lill-Arċisqof — fol. 26. (Ara wkoll xhieda Surġent Zammit fol. 28; xhieda Anthony Sciberras fol. 34-35; dik ta' Joseph Bugeja fol. 35 tergo; xhieda Rev. Farrugia fol. 37; xhieda Rev. Dun Nazz. Tonna fol. 39; u oħrajn);

Dan, ċertament, ma jfisserx li kull wieħed minn dawk id-dimostranti, jew li kulħadd fehem il-kliem bil-latin miktuba fuq il-kartellun, jew fehem l-allużjoni, kif kien jifhimhom kulħadd kieku kienu bil-malti jew lingwa oħra aktar konoxxuta mil-latin. Kien hemm, preżumibbilment ħafna li

ma fehmuhomx, u fuq dan il-Qorti tirritorna f'parti oħra ta' din is-sentenza minn aspett ieħor. Kien hemm x'uħud li talvolta għajtu mhux minħabba l-iskrizzjoni, iżda minħabba l-faxxa sewda fuq il-bieb u l-bieb nofs luttu. Kien hemm talvolta oħrajn li għajtu mhux għax fehmu l-kliem tal-iskrizzjoni, imma għaliex, kif jiġri fl-emozzjoni tal-folla, raw u semgħu lill-oħrajn jgħajtu. Imma ċert hu li xi uħud fehmu l-kliem, fehmu li kienu nġurjużi, u li kienu jirriferixxu għal Monsinjur Arċisqof. Kif osserva Lord Campbell fil-kawża "Le Fanu vs. Malcolmson", ċitata fil-kt'eb "The law of the Press" ta' Fisher and Strahan, paġ. 125, meta x'uħud minn nies jifhmu għal min tkun l-allużjoni, allura "the very same injury is inflicted, they very same thing is in fact done, as would be done if his name and christian name were ten times repeated". U dawn l-awturi jkomplu jgħidu:— "And it is not necessary that every reader would see it. If it be sufficiently clear to enable some persons to identify him (the plaintiff) with the person libelled . . . . . . that is enough";

Id-difiża, fil-kos tal-argumenti, osservat li l-kartelluni kienu jiġu mibdula kull ġimgħa mill-każin fuq imsemmi, u li għalhekk ma jistgħax jingħad li t-tibdil sar minħabba li kellu jitla' ż-Żurrieq Monsinjur Arċisqof. Iżda din iċ-ċirkustanza ma tisvalorizzax bl-ebda mod il-forza ta' dak li ġa ngħad u l-Qorti ma hijiex impressjonata biha; għaliex anki jekk hu veru li l-posters kienu jitbiddlu kull ġimgħa (ara "statement" tal-imputat Roberts fol. 13 li semma "fl-aħħar tal-ġimgħa", u x-xhud Spettur Aquilina, li qal "perijodikament"), jibqa' ugwalment veru li dan ma kienx affattu jimpedixxi lill-imputati li fl-okkażjoni tal-viżita ta' Monsinjur Arċisqof jitwaħħal propriju dak il-poster li l-imputati ppreparaw u li huma dehrilhom li kien adattat għal daqshekk; anzi l-kambjament perijodiku kien jiffaċilitalhom u pprestalhom l-opportunità li jqiegħduh;

Għar-raġunijiet fuq partikolareġġjati, din il-Qorti ma tħoss ebda dubju li l-poster inkriminat kien intis u kien fil-fatt jirriferixxi għal Monsinjur Arċisqof;

Ikkunsidrat;

Ma jistgħax lanqas ikun hemm ebda dubju li l-konte-

nut tal-poster hu ngurjus. F'pajjiż eminentement kattoliku bħal Malta hu ċertament inġurjus li wieħed jaddebita lil Monsinjur Arċisqof bi ħruxija paragonabbli għal dik ta' persunaġġ storiku li baqa' jissemma fl-istorja attraverso s-sekoli bħala l-inkarnazzjoni tal-inikwità u l-personifikazzjoni tal-ħruxija. L-Imħallef sedenti, fis-sentenza tiegħu Prim'Awla 7 ta' Jannar 1936, "Strickland vs. Chretien" (konfermata fl-Appell), kien iċċita bran mill-ktieb "A Code of the Law of Actionable Defamation" ta' Spencer Bower li jgħid hekk:— "Variations of sentiment and custom are to be found in different places, as well as at different times . . . . . It is in each case a question of time, place, circumstances, subject-matter, and the common knowledge and understanding of the person publishing the matter and the person to whom it is published";

Jgħid ukoll il-Gatley (op. ċit. p. 23):— "Again, the place in which the words were published may be an important factor in determining whether they are defamatory or not". U jiċċita appuntu każ ġudikat mill-Qrati ta' Quebec, Lareau v. La Minerve (1883), Lower Canada Jurist, 337, fejn il-karattru defamatorju kien appuntu in relazzjoni maċ-ċirkustanza li kważi disgħa deċimi (9/10) tal-popolazzjoni ta' Quebec hi kattolika (Enċiċl, Brit. taħt "Quebec"). Del resto, anki apparti dawn iċ-ċirkustanzi partikulari, ġie ritenut li l-addebitu ta' "oppressive conduct" hu libelluż. (ara Gatley, p. 25);

Appena hemm bżonn jiġi rilevat li l-paragun ta' persuna ma' "any odious, disreputable or contemptible person" hu libelluż. Hekk il-każistika ġudizzjarja toffri l-eżempju ta' paraguni libellużi ma' Ġuda, Ananias, Shylock, eċċ. (Gatley, p. 32; Folkard 'The Law of Slander & Libel", p. 165). F'każijiet simili ma hemmx bżonn li jiġi pruvat ebda "Innuendo";

Ikkunsidrat;

Id-difiża rrilevat ukoll, bħala mezz defensjonali, li almenu tnejn mill-imputati, Roberts u Sammut, ma jafux bil-latin, ċjoè bil-lingwa li biha kien redatt il-poster inkriminat. Din id-deduzzjoni ma tirrigwardax l-imputat Abdilla, għaliex dan, fil-"statement" tiegħu ġa semmi, kien stqarr li

kellu f'idejh anki t traduzzjoni bil-malti tal-kliem bil-latin tal-poster; liema kliem hu rripeta fl-"statement", tant bil-malti kemm bil-latin;

Issa, din id-deduzzjoni jeħtieġ li tiġi kunsidrata mill-Qorti taħt żewġ aspetti; l-ewwel, taħt l-aspett li jirrigwarda l-"publication" tal-inġurja; u t-tieni taħt l-aspett li jirrigwarda l-element tax-"scienter", kwantu għaż-żewġ imputati Sammut u Roberts;

Kwantu għall-ewwel aspett, hu insenjament dottrinali paċifiku li anki jekk jiġi pruvat li fehmet persuna waħda biss, avvolja l-inġurja tkun b'lingwa mhux tal-pajjiż, tissussisti l-istess. "If words be spoken in a tongue altogether unknown to the hearers, no action lies, for no injury is done to the plaintiff's reputation; but if a single bystander understood them, that is enough" (Odgers, "On Libel & Slander", p. 125). U fl-istess sens, p. 160:— "To utter defamatory words in a foreign language is not a publication, if no one present understands their meaning; but if defamatory words be written in a foreign language, there will be a publication as soon as ever the writing comes into the hands of anyone who understands that language, or who gets them explained or translated to him";

Issa, l-ewwel nett, hawn Malta l-lingwa latina ma hijiex affattu lingwa għal kollox skonoxxuta sija minħabba t-tradizzjonijiet reliġjużi tal-Knisja Kattolika, kemm ukoll minħabba t-tradizzjonijiet kulturali tal-pajjiż. Dik il-lingwa hi magħrufa minn kull min jabbraċċja s-saċerdozju u ġeneralment mill-professjonisti, speċjalment legali, u minn persuni kolti, u hi mgħallma sija fl-iskejjel sekondarji kemm ukoll fl-università. Fit-tieni lok, jirriżulta mill-provi li l-kliem ta' dan il-poster ġew mifhuma minn diversi nies li bdew jinsistu biex il-poster jitneħħa għax inġurjuż għal Monsinjur Arċisqof, tant jekk dawn fehmu l-kliem għax jafu bil-latin, kemm ukoll għax ġew lilhom imfissra minn min jaf. Kien hemm, kif deher mill-provi, diversi qassisin preżenti, li l-Latin jafuh, u kien hemm anki oħrajn li fehmu l-istess, bħal Grace Tonna (fol. 54). Mbagħad, għandu jiġi wkoll notat li l-poster dam imwaħħal il-mattinata kollha, u

għalhekk kien hemm ħin għat-tifsir tiegħu. Minbarra hekk l-inġurja hi massimament fil-kelma "Nero", u diversi fehmu xi tfisser, u fehma l-allużjoni fiċ-ċirkustanzi tal-każ. Dan hu pruvat bix-xhiedíet li hemm fl-inkartament; hekk Sciberras, fol. 4, li jgħid li ma jafx bil-latin, iżda fehem l-ewwel żewġ kelmiet ("Ave, Nero"), u fehem li fil-poster kien hemm allużjoni għal Monsinjur Arċisqof; hekk ukoll Joseph Bugeja, fol. 35, li fehem l-ewwel żewġ kelmiet; hekk ukoll Albino Tonna, fol. 50, li qal li fehem l-ewwel żewġ kelmiet u fehem li kienu nsult għal Monsinjur Arċisqof; u jkompli jgħid "Jiena u xi oħrajn". Għalhekk, ma jista' bl-ebda mod jingħad li minħabba l-lingwa tal-poster ma kienx hemm ir-rekwiżit tal-"publication" meħtieġ għal-libell; għax anki jekk ma fehemx kulħadd, diversi però fehmu;

Kwantu għall-element tax-"scienter", għar-rigward tal-imputat Roberts, dan qal fil-"statement" tiegħu, li hu ma jafx bil-Latin, u għalhekk ma jafx x'ifissru l-kliem tal-poster. Qal, dejjem fil-"statement" tiegħu (għax wara varja), li lill-imputat Abdilla hu ma staqsiehx x'ifissru l-kliem, u Abdilla ma qallux. Iżda jirriżulta "ex facie" ta' li-"statement" tiegħu stess, li hu jikteb u jaqra jaf, tant li qara li-"statement" (kif hemm fih stess) u ffirmah. Lill-Ispettur Farrugia dan l-imputat qallu li jaf sewwa min kien Neruni, għax kien ra l-film. Mistoqsi mill-ġdid jekk Abdilla kienx fissirlu l-kliem tal-poster, Roberts issa qal ("ipsis verbis") li "seta' kien" illi Abdilla fissirlu l-kliem tal-poster, però huwa ma tgħax każ, u li ma kienx hemm bżonn jagħmel "statement" ieħor (fol. 10 u 23). Kien dan l-imputat li pinġa l-poster, u dam jaħdem fuqu l-Ġimgħa u s-Sibt. Għalhekk hu kellu ħin suffiċjenti u l-opportunità kollha, mhix biss biex jaqra, imma anki biex jispelli u jikteb, ittra b'ittra il-kelma "Nero" u jifhimha fid-dawl ta' dak li hu stess stqarr li jaf fuq Neruni u tal-film li kien ra, u fid-dawl tal-akrostiku "Mikiel" kontenut fil-poster tal-Integration li hu stess qiegħed fuq il-poster inkriminat mal-faċċata tal-każin; kif ukoll fid-dawl taż-żewġ ċirkustanzi li kien jaf bihom, ċjoè li l-poster Abdilla kien iridu għall-Ħadd, u li l-Ħadd kien tiela ż-Żurrieq Monsinjur Arċisqof. Hu loġiku, għalhekk, li wieħed jiġi għall-konklużjoni li dan l-imputat "almenu" fehem mill-kartellun li Monsinjur Arċisqof kien qed

jiġi mxebbaħ ma' Neruni fil-waqt li kien jaf Neruni min kien;

Għar-rigward tal-imputat l-ieħor Sammut. dan qal, fli-"statement" tiegħu fol. 14, testwalment hekk:— "Għalkemm jien ma nafx bil-Latin, jien naf li l-kliem "Ave Nero" jfissru "Sliema għalik, Neruni". Fli-"statement" tiegħu l-ieħor, fol. 15, *hu żied jgħid testwalment li hu jaf li Neruni* Ħaraq il-Belt ta' Ruma u li l-Belt ta' Ruma wara sellmitlu, u jaf ukoll li Neruni kien jaħqar *l-Insara*. Għalhekk hu ċert li dan *l*-imputat Sammut, li skond l-istqarrija tiegħu stess kien qabbel mal-oħrajn l-akrostiku fil-poster tal-Integration, li kien ra b'għajnejh dak *l*-akrostiku jitqiegħed fuq il-poster inkriminat, li kien jaf li Monsinjur Arċisqof kellu jitla' ż-żurrieq dik l-għodwa li fiha hu mal-oħrajn waħħal il-posters fuq il-faċċata tal-bieb tal-każin, kien "almenu" qiegħed jifhem li f'dak il-poster bil-Latin Monsinjur Arċisqof kien qiegħed jiġi mxebbaħ lil Neruni; liema persunaġġ dan l-imputat "ex confessis", kien jaf min kien u x'kien għamel fl-istorja ta' Ruma;

Ikkunsidrat;

*Id-difiża* ssollevat ukoll, in subordine, l-eċċezzjoni tal-kompensazzjoni. Ġew *imsemmija* bħala *ċirkustanzi* li, *skond* il-fehma tad-difiża, jiswew biex jintegraw din l-eċċezzjoni, dawn li sejrin jinstemgħu:—

1. Iċ-ċirkustanza li fid-dimostrazzjoni li saret għal Monsinjur Arċisqof wieħed mid-dimostranti kellu f'idejh kartellun li fuqu kien hemm il-kliem "Mintoff l-akbar għadu tal-Knisja". Din iċ-ċirkustanza ssemmiet fix-xhieda tar-Reverendu Mallia fol. 42, u fix-xhieda ta' Tonna fol. 51 tergo. Hemm ukoll il-fotografija eżibita mid-difiża bin-nota fol. 109;

2. Il-publikazzjoni tal-"pamphlet" li fforma l-meritu tal-kawża "Perit Mintoff et. vs. Saċ. Bianco", deċiża minn din il-Qorti fl-14 ta' Ottubru 1961; għall-attijiet ta' liema kawża d-difiża għamlet riferenza. Għandu jingħad li fil-kawża nvokata din il-Qorti ppronunzjat ruħha biss fuq paragrafu tal-"pamphlet" li fih iż-żewġ kwerelanti, Perit Mintoff u Avukat Dottor Buttigieg, kienu msemmijin "nomi-

natim", u ma ppronunzjatx ruħha fuq il-partijiet l-oħra ta' "pamphlet", ħlief li, s'intendi, ikkunsidrat il-kliem inkriminati fuq l-isfond tal-"pamphlet" kollu;

3. Is-"slogans" li d-difiża tgħid li ġew imwaħħlin anki mal-ħitan tal-knejjes, u li fihom il-Partit Laburista hu kwalifikat bħala l-Partit tas-Soċjalisti;

**Ikkunsidrat;**

Kwantu għall-ewwel ċirkustanza tal-kartellun bl-isem tal-Perit Mintoff, apparti aspetti oħra li ma hemmx bżonn li jiġu eżaminati fl-ambitu tal-kwistjoni preżenti, hi ħaġa ta' dritt elementari li għall-finijiet tal-eċċezzjoni tal-kompensazzjoni jeħtieġ li l-allegata nġurja dedotta in kompensazzjoni (a) tikkolpixxi lill-imputat li jkun qed jiġi addebitat fil-ġudizzju bir-reat ta' nġurja, (b) u anki li, jekk tkun inġurja, tkun waħda li għaliha tkun responsabbli l-persuna li f'dak il-ġudizzju tkun qegħdha tingħad inġurjata. Issa, fil-każ preżenti mhux biss dak il-kartellun imsemmi middifiża ma jirriferixxix għall-imputati jew għal xi wieħed minnhom, iżda jirriferixxi għall-Perit Mintoff, imma, dippjù, il-persuna li tingħad inġurjata f'dan il-ġudizzju ma għandhiex x'taqsam ma' dak il-kartellun;

Kwantu għall-'pamphlet" u għas-'slogans" fuq imsemmijin, ma hux meħtieġ li l-Qorti tidħol fil-punt — apparti l-kwistjoni ġa deċiża, "uti supra", li kienet tirrigwarda mhux il-persuni koinvolti f'dan il-ġudizzju imma s-Saċerdot Bianco minn naħa waħda, u minn naħa l-oħra l-Perit Mintoff u l-Avukat Dottor Buttiġieġ — jekk dawk il-fatti humiex kif qegħdha tallega d-difiża, inġurji, jew humiex, kif irribattiet il-Prosekuzzjoni, reazzjoni ġustifikata kontra fatti oħra; u jingħad li ma hemmx bżonn, għax il-kwistjoni tal-kompensazzjoni hi riżolubbli fuq bażi oħra. Infatti, josta l-istess prinċipju ġa enunċjat. Il-persuna li tingħad inġurjata f'dan il-ġudizzju ma għandhiex x'taqsam ma' dak il-"pamphlet" u ma' dawk is-"slogans". Minbarra hekk, irriferenza fihom għall-Malta Labour Party in ġenerali ma tistgħax tolqot, "in diritto", l-imputati "uti singuli": għaliex ormai hu paċifiku illi l-inġurja kontra kollettività hija azzjonabbli mis-singoli biss meta dik il-kollettività tkun ta' numru talment żgħir li s-singoli jkunu aċċertabbli, u mhux

meta, bħal f'dan il-każ, stante n-numru kbir tal-kollettività, is-singoli ma jkunux identifikabbli. L-awturi Hickson & Carter-Ruck, op. ċit., p. 45, jirriferixxu għall-kawża "Knuppfer vs. London Express Newspaper Ltd.", deċiża fl-1944, biex jenunċjaw din ir-regola, kif rijassunta fid-Digest of the Law Reports, u jgħidu:— "Where defamatory words are written of a class of persons, it is not open to a member of that class to say that they were written of him, unless the class is so small or so ascertainable that what is said of the class is necessarily said of every member of it ......". Dan il-prinċipju ġie applikat minn din il-Qorti fil-kawża "Perit Mintoff vs. Dr. Schembri", App. Krim. 7 ta' Frar 1953;

Għalhekk din l-eċċeżżjoni mhix fondata;

Għar-raġunijiet fuq żvolti, din il-Qorti waslet għall-konklużjoni illi l-imputati huma ħatjin tar-reat li tiegħu sabithom ħatjin il-Qorti tal-Ewwel Istanza;

Id-difiża, fl-aħħarnett, eċċepiet illi l-piena irrogata mill-Ewwel Qorti hi eċċessiva. In konnessjoni ma' din id-deduzzjoni tagħha, id-difiża rrikjamat l-attenzjoni tal-Qorti għal xi kawżi oħra, fosthom dik riportata fil-Kollezzjoni Vol. XXXIII-IV-645 "The Police vs. Peter Bridle et.", dik riportata fl-istess Volum p. 780 "The Police vs. Joseph James Scorey", u dik "Il-Pulizija vs. Joseph (il-lum) Dottor Micallef Stafrace" deċiża minn din il-Qorti fit-8 ta' Jannar 1959, sa issa inedita;

Qabel xejn din il-Qorti tħoss li għandha tagħmel żewġ riljevi ta' indoli ġenerali:—

Mhux dejjem tista' tiġi ndikata bħala kriterju piena kontenuta f'sentenza ta' din il-Qorti tal-Appell; għaliex fil-maġġuranza tal-każijiet, anzi jista' jingħad fil-maġġuranza stragrandi l-appell ikun tal-imputat, u għalhekk, meta l-piena ma tiġix imnaqqsa, u meta bħala meritu s-sentenza ta' kundanna tkun konfermata, din il-Qorti, li b'liġi ma tistgħax fuq appell tal-imputat taggrava l-piena, ma tistgħax ħlief timmantjeni ferma l-piena nflitta mill-Ewwel Qorti, tkun xi tkun il-fehma ta' din il-Qorti dwar dik il-piena, anki jekk ikun jidhrilha li kienet tistħoqq piena aktar gravi.

Minn dan kollu jidher li l-piena ndikata bħala kriterju tista' ma tkunx talvolta verament ta' din il-Qorti, imma tal-Ewwel Qorti;

(2) Hi impriża perikoluża li wieħed jipprova jistabbilixxi speċi ta' tariffa fissa ta' pieni għar-reati ta' ċerta xorta minflok ma jħalli dik il-flessibbilità li hemm fil-latitudini tal-piena ndikata mil-liġi, sabiex jistgħu jiġu nkontrati ċ-ċirkustanzi ta' kull każ; u dan jafu tajjeb kull min ikun okkupa l-karika ġudizzjarja u jkun qagħad fil-Qrati ta' Ġurisdizzjoni Kriminali għal żmien twil. Ingħad tajjeb fil-proċess riportat fil-Kollezzjoni Vol. VI, p. 192, col. 2:— "Non è affatto sorprendente che i fatti assumano diverse fisionomie ..... poichè i fatti sono multiformi e sotto leggiere circostanze si scambiano i fatti, e secondo l'avvertimento di un grave scrittore sono come un prisma cristallino che per poco che si rivolge cambia colore". U ġa fid-Dritt Ruman kien ingħad:— "Jus certum est et finitum esse potest et debet, factun vero est infinitum et incertum";

Kwantu għall-każijiet ċitati mid-difiża, jingħad dan in partikulari:—

Il-każ ta' "Bridle" ma hux in propożitu, għal żewġ raġunijiet; waħda, għax kien jirrigwarda reat divers, avvolja gravjuri, ċjoè dak ta' vilifikazzjoni tar-Reliġjon, u għalhekk, barra mid-diversità, hemm lok għal konsiderazzjoni oħra, li jista' jagħti l-każ li reat anqas gravi minn ieħor ikun jeħtieġ, f'determinati ċirkustanzi li ma jkunux jirrikorru meta sar ir-reat aktar gravi, ċerta miżura ta' repressjoni; u t-tieni, din il-Qorti, allura diversament presjeduta, kienet sempliċement ikkonfermat (kif ma setgħetx ħlief tagħmel fuq appell tal-imputat, kif fuq ingħad) il-provvediment tal-Ewwel Qorti;

Kwantu għall-każ ta' "Scorey" il-piena fuq appell tal-imputat kienet ġiet varjata minn din il-Qorti, presjeduta kif inhi l-lum, in bażi għall-art. 23A. Kod. Krim. għaliex "pendente lite" l-imputat kien ippublika fil-ġurnal tiegħu żmentita ta' dak li kien qal, u kien għamel ukoll, fl-istess proċess, apoloġija inkondizzjonata lill-Gvernatur inġurjat — apoloġija debitament verbalizzata;

Kwantu għall-każ ta' "Dr. Micallef Stafrace", li fih il-piena kienet neċessarjament dik inflitta mill-Ewwel Qorti, fis-sens ġa fuq spjegat, hemm differenza fil-grad ta' nġurja bejn dak il-każ u dan, anki meta wieħed iqies għall-finijiet tal-piena, kif għandu jqies, iċ-ċirkustanzi ambjentali taż-żmien li jkun;

Ikkunsidrat;

Kif ingħad, kull każ għandu l-fattezzi partikulari tiegħu. A propożitu, sabiex tiġi illustrata din id-diversità ta' każijiet anki b'riferenza għall-każijiet ċitati, din il-Qorti tirrikjama l-każ "Ispettore Calleja vs. Paolo Bugeja et", deċis minn din il-Qorti, allura presjeduta minn Sir Adrian Dingli, fl-10 ta' Ġunju 1890 (Kollez. XII, p. 472), liema każ hu forsi aktar ravviċinabbli għal dan mill-oħrajn, "servatis servandis" u "mutatis mutandis". Fil-każ issa ċitat, minn fost diversi mputati oħra, l-imputati Paolo Bugeja, Giuseppe Portelli u Michele Azzopardi kienu ġew addebitati b'inġurja verbali rivolta lil Monsinjur Isqof ta' allura f'okkażjoni ta' nċident iżolat li kien jirrigwarda l-impjeg tas-sagristani fil-Knisja ta' San Pawl tar-Rabat. L-imputazzjoni kienet in bażi għall-art. 240 tal-Kodiċi Kriminali, liema artikolu l-lum, bin-numerazzjoni susegwenti, hu l-art. 265 Kod. Krim. Kap. 12 Ediz. Riv., u l-piena tal-priġunerija kontemplata mil-liġi kienet, kif baqgħet, bla minimum sal-maximum ta' tliet xhur, kif inhi l-piena taħt l-art. 6 tal-Kap. 117, li taħtu nstabu ħatjin l-appellanti odjerni. Dawn Bugeja, Portelli u Azzopardi, kienu ndirizzaw kliem kontumeljus lill-Monsinjur Isqof ta' allura, liema kliem, kif jidher minn dak li jingħad fit-tieni kolonna isfel paġ. 474, loċ. ċit., kienu wkoll jimportaw imputazzjoni lill-inġurjat ta' abbus ta' poter u ta' oppressjoni. Fuq dikjarazzjoni ta' reità, il-piena irrogata lil dawk it-tlieta mill-Ewwel Qorti kienet ta' xahar priġunerija; liema sentenza ġiet konfermata minn din il-Qorti;

Ikkunsidrat;

Din il-Qorti ħasbet ferm fuq il-kwistjoni tal-piena f'dan il-każ, u għamlet dawn ir-riflessjonijiet:—

Din il-Qorti kellha kemm il-darba l-okkażjoni li tgħid

li skond il-"praxis" tagħha hija, bħala regola, ma tbiddelx il-piena mogħtija mill-Ewwel Qorti ammenokkè ma jkunx hemm xi difformità mill-piena stabbilta mil-liġi, jew ammenokkè ma tkunx oppressiva, jew ammenokkè ma jkunx hemm xi ċirkustanzi jew fattezzi partikulari li jissuġġerixxu l-varjazzjoni tal-piena nflitta mill-Ewwel Qorti. Din il-Qorti taħseb li fil-każ preżenti hemm dawn iċ-ċirkustanzi li jinklinawha tvarja l-piena nflitta mill-Qorti tal-Ewwel Grad, tant fl-entità tagħha għar-rigward tat-tliet appellanti kemm ukoll fl-adegwament tagħha bejniethom:—

1. L-Ewwel Qorti tgħat lill-appellant Roberts piena ugwali għal dik mogħtija lill-appellant Abdilla. Iżda, apparti l-fatt li Roberts għandu l-fedina penali tiegħu għal kollox netta, hu innegabbli li hu ma kienx, kif "ex confessis" kien Abdilla, l-oriġinatur ta' dan il-fatt rinkrexxjus. Irriżulta, infatti, li kien Abdilla li pprokura t-test tal-iskrizzjoni bil-Latin, kien hu li kellu għandu t-traduzzjoni tat-test intier bil-Malti, kien hu li bħala President tal-Labour Party Club taż-Żurrieq ordna lil Roberts biex ipinġi l-kartellun, u ordna lil Roberts u lil Sammut biex iwaħħluh mal-faċċata tal-bieb tal-każin f'dak il-Ħadd partikulari. L-inizjattiva ta' dan kienet kollha tal-appellant Abdilla. U għalhekk ma jidherx sewwa li l-piena tiegħu u ta' Roberts tkun ugwali;

2. Kwantu għall-imputat Sammut, hemm ċirkustanza li tnaqqas il-grad tiegħu u ta' kolpabilità vis-a-vis l-imputat Abdilla; għaliex anki Sammut, bħal Roberts, ma kienx kif kien Abdilla, l-oriġinatur ta' dan il-fatt iżda hemm mbgħad ċirkustanza li tikkontrobilanċja dak it-tnaqqis, ċjoè il-fedina penali tiegħu, li tintorbidilu l-kondotta. Però, il-Qorti ma jidhrilhiex li minħabba l-fedina penali għandha teżaspera l-piena tal-imputat Sammut fi grad markat, imma biss fi grad mitigat; u dan għaliex, apparti li dawk il-kundanni, minħabba fiż-żmien dekors minnhom, ma jammontawx għal reċidiva, lanqas ġenerika ossija impropja, hemm ukoll illi, anki jekk ikunu rigwardati bħala indiċi ta' kondotta, la huma tal-istess speċi tar-reat odjern u lanqas huma ravviċinabbli fil-"genus" tagħhom; u minbarra dan, għal perijodu konsiderevoli sa dan ir-reat tal-lum l-appellant Sammut ma kiserx il-liġi;

3. Fil-qies tal-piena tal-appellant Abdilla, wieħed għandu jieħu in konsiderazzjoni l-fatt li dan għandu kondotta tajba; għaliex fil-fedina penali tiegħu ma għandux ħlief żewġ kontravvenzjonijiet dwar bini ta' ħitan ta' entità żgħira ferm;

4. Jingħad ukoll — u dan għar-rigward tal-qies tal-piena fil-konfront tal-appellanti kollha — li hemm ċirkustanza mportanti li tinfluwixxi ferm, fil-fehma ta' din il-Qorti, fuq il-grad tar-reat, u kwindi fuq il-kwantitattiv tad-dannu soċjali tiegħu. Gie diġa' spjegat "supra" illi, avvolja l-iskrizzjoni fuq il-kartellun inkriminat kienet bil-Latin, eppure ġew soddisfatti l-element tal-"publication" tal-inġurja u l-element psikiku tax-"scienter". Però, minn aspett ieħor, ċjoè għall-finijiet tal-kwantità naturali, ossija grad tar-reat, u kwindi għall-finijiet tal-piena, ma jistgħax jiġi negat illi d-dannu soċjali fil-każ preżenti kien anqas milli kien ikun kieku l-iskrizzjoni kienet, mhux bil-Latin, imma bil-Malti jew b'lingwa aktar komunement konoxxuta lokalment. Dippjù, l-inġurja ma kienetx f'dan il-każ tikkonsisti f'xi kelma jew f'xi kliem inġurjużi "per sè" u fihom infushom kif kienu fil-każ ċitat "Ispettore Calleja vs. Paolo Bugeja et.", deskritti f'dik is-sentenza (p. 474 l-Ewwel kolonna fuq) bħala "schifosissime parole accompagnate con una bestemmia", intelliġibbli lil kulħadd imma f'dan il-każ kienet — mill-punto di vista tan-nies li raw il-kartellun — tikkonsisti fi kliem inġurjus "per implicito", ossija bl-allużjoni, li mhux kulħadd jifhimha, u mhux kulħadd jifhem il-Latin, u mhux kulħadd jifhem it-test intier tal-iskrizzjoni. Dawn ir-riflessi jikkonnettu ruħhom ma' dik li l-Carmignani (ara Carrara, Progr. Parte Gen., Vol. I, p. 193) isejjaħ, "in subjecta materia", "la diffondibilità del male". Mhux biss, imma l-istess riflessi jsibu l-konferma konkreta tagħhom f'xi dispożizzjonijiet li hemm fil-proċess, bħal ma hija dik tas-Suprintendent Bencini, fol. 45 li kien hemm min ma ndunax bil-poster, u ma kellux rapporti dwaru salħin tal-inċident, dik tal-Ispettur Aquilina fol. 46, li qal "meta rajt il-poster ma fhimtx sewwa s-sens tiegħu", dik ta' Evanġelista Bugeja fol. 49, li ma tgħatx każ, avvolja toqgħod viċin il-każin fejn kien hemm il-posters, u dik ta' Anthony Sciberras fol. 34 tergo, li qal "Jien fhimt illi fil-poster kien hemm xi allużjoni għall-Arċisqof, però ma fhimtx is-sinifikat tal-kliem peress li ma nafx bil-Latin,

fhimt l-ewwel żewġ kelmiet biss". Għalhekk hu fatt li l-kwantità naturali jew grad tar-reat, minħabba ċ-ċirkustanzi fuq rilevati, kienu sensibbilment minorati, u dan hu fattur li fil-fehma konsiderata ta' din il-Qorti, għandu jinfluwixxi sostanzjalment fuq l-entità tal-piena;

Għal dawn il-motivi;

Din il-Qorti tiddeċidi;

Billi tirrespinġi fil-meritu l-appell tat-tliet imputati, u fil-meritu tikkonferma s-sentenza appellata. Kwantu għall-piena però, tvarjaha, b'effett tal-appell interpost, u għar-raġunijiet fuq indikati fis-sens li sejjer jingħad; dik tal-appellant Abdilla, minflok tal-priġunerija għal żmien xahrejn tkun għal żmien għaxar tijiem, u l-multa tkun, minflok ta' £30, ta' £25; dik tal-appellant Sammut, minflok tal-priġunerija għal żmien xahrejn u nofs tkun għal żmien tnax il-ġurnata, u l-multa, minflok ta' £50, tkun ta' £25; dik tal-appellant Roberts, minflok tal-priġunerija għal żmien xahrejn tkun għal żmien tmien tijiem, u l-multa, minflok ta' £30, tkun ta' £25. Il-multi jitħallsu fi żmien xahar mill-espjazzjoni tal-piena restrittiva tal-libertà personali.